# IL-MANTAR TA' GESU'

Elijab, iben Natan, dahal id-dar tard wara nofsinhar. Kien ghajjien mejjet, izda wiccu ghad-dawl billi l-prodotti ta' zjut, frott niexef, gbejniet u zebbug li kien ha mieghu biex ibiegh go Gerusalem, heles minnhom bi prezz tajjeb meta ghaddiehom lil Zakkew il-merkant, li kien jixtri bl-imnut.

"Ara Elijab issa strieh mill-vjagg biex ghada flimkien ma' huk immorru fuq l-gholjiet nibdlu lil hutek. Imissna ahna li nharsu u nirghu n-nghag," qallu missieru Natan.

"Kollox sew missier. Ghada mas-sebh nitilqu." U dahal jistrieh u l-ghada qam f'siktu.

"Shalom," sellem Natan lit-tlett hutu li kienu diga lesti biex jirritornaw lura f'darhom. Il-merhliet taghhom kienu kbar, fuq l-gholjiet kien hemm bosta gherien fejn in-nghag ideffsu rashom ghall-lejl u anke merghat fejn jimirhu biex isibu l-ikel.

"Attenti ghax mal-lejl kien hawn ihufu xi lpup bil-guh. Kienu ftit 'l boghod, imma ma tistax tafda' ghax iharbtulek merhla. Ir-rghajja ta' hdejna wissewna wkoll biex noqghodu b'seba' ghajnejn ghal xi hallelin tan-nghag ghax fl-inhawi hawn minnhom."

Qabel ma dahal il-lejl, Natan u z-zewgt uliedu dahhlu lin-nghag fl-gherien u qabbdu xi nar quddiemhom biex izommu 'l

boghod l-annimali selvaggi. Zakkew, hu Elijab, imtedd minn tulu fuq il-blat fuq ftit tiben, tefa' fuqu l-mantar tas-suf u raqad ghax missieru kellu jqajmu mir-raqda hekk kif jasal il-hin ta' l-ghassa tieghu.

Elijab u missieru qaghdu jitkellmu fuq dak li kien qed jigri gewwa Gerusalem. "Missier, kieku smajt hafna affarijiet li qed isehhu fil-belt imqaddsa. Qed tigri x-xniegha li hemm profeta li jghidulu Gesu' li qed jippriedka s-salvazzjoni. Hafna huma n-nies li qed jinghaqdu mieghu u jimxu warajh ghax issa l-poplu taghna xeba' mill-hakma barranija. Jinghad ukoll li dan Gesu' minn Nazaret jopra mirakli fost dawk li jbatu."

"Iva, Elijab, in-Nazzarenu huwa l-Mibghut ta' Alla, il-Hellies tal-Bnedmin", qallu missieru Natan. "Lil dak jiena rajtu jitwieled ftit'l boghod minn hawn gewwa l-ghar ta' Matatija. Iva rajtu mindud go maxtura fi ftit hrieqi. Missieri hadni mieghu meta l-anglu tal-Mulej dehrilna u habbrilna li dak li konna ilna nistennew issa jinsab fostna. 'Morru u arawh mindud f'maxtura, imgezwer fi ftit hrieqi,' qalilna l-anglu tal-Mulej. Hares fuq dik il-blata. Hemm qaghad bil-wieqfa l-anglu meta tana l-ahbar. U halla l-impronta ta' saqajh fil-blata bhala tifkira tieghu lilna."

Waqaf ghal ftit mumenti biex igedded il-memorja qabel ikompli jfakkar lil ibnu fuq il-grajja li ghaliha uliedu qatt ma setghu jkunu xhud.

"Hekk kif dhalt fil-ghar ma' missieri kollox kien bhal ma qalilna l-anglu. L-ghar kien fid-dlam imma t-tarbija Gesu',

ommu u missieru kienu jarmu dawl minn persunithom. U gewwa l- ghar kien hemm riha tfuh li bhala qatt ma xammejt. Niftakar li missieri ghazel l-ahjar haruf, tefghu fuq ghonqu u mar bih biex jaghtih rigal lil ommu u lil missieru. Ommu hadet bil- ferha r-rigal u rringrazzjathu. Imbaghad refghet it-tarbija u tatilhu biex izommha ghal ftit. Wara ghaddiha lili biex jien wkoll inzommha f'dirghajja. Bdiet tikbi u bzajt li nwaqqaha. Ommu ndunat u resqet fuqi biex tohodili. Missieri resaq fuq l-omm u staqsieha: 'Mara zaghzugha u twajba, x'inhuwa l-isem tieghek'? U hija wegbitu: 'Mariam jisimni, dan huwa Guzeppi, r-ragel tieghi u t-tarbija sejrin insemmuha Gesu'. "

Natan fetah il-flixkun tal-gild li fih kienu jgorru l-ilma, pogga l-ghonq ma' halqu u xorb ftit ilma. " Fahharna lil Alla tal-grazzja li tana s-salvatur u wara li frahna ma' Marija u Guzeppi tlaqna. Izda fid-dahla ta' l-ghar, missieri sema' ix-xghir tat-tarbija u haseb li Gesu' kien qed jikbi ghaliex kien qed ihoss il-bard. Ghalhekk mill-gdid dahal gewwa, nehha' l-mantar tas-suf tan-nghag li kienet ghadha kemm nisgitlu martu Anna u qieghdu fuq it-tarbija Gesu' biex ikun mezz ta' shana ghalih. Dak il-hin it-tarbija waqfet mill-biki. Marija sefsfitlu xi haga f'widnejh, dehret li hadet wisq gost b'dik il-mossa u tlaqna. Meta konna fi triqtna lejn l-ghar staqsejt lil missier x'qaltu Marija u huwa qalli dan il-kliem precizi: 'Gesu' qatt ma jhalli minghajr hlas dak li naghmlu mieghu u ghalih.' U missieri jirrakontali li dan il-gid kollu li ghandna huwa biss il-barka ta' Alla talli tah il-mantar tieghu."

"Missier, meta kont Gerusalem niftakar li smajt lil xi uhud

mid-dixxipli tieghu li huwa kien jibghathom qablu jhabbru lin-nies tal-post. li huwa kien ser jghaddi minn hemm. Mela jekk jinteressak li terga' tarah, qalu li ser jghaddi qrib l-inhawi taghna l-gimgha d-diehla," infurmah Elijab.

"Mela ahna mmorru hemm ghax nixtieq li narah mill-gdid," qallu missieru.

Gimgha wara Natan kien qrib l-inhawi minn fejn kellu jghaddi Gesu'. Baqa' mistghageb ghal ahhar u ma setghax jemmen lil ghajnejh. Gesu' kien liebes dak l-istess mantar li kien tah meta mar jarah gewwa l-ghar ta' Betlem.